MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 660/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Ronald  Magro abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Ronald Magro**

**Vs**

**Roderick Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab is-somma ta' Lm1,483.33c (elf, erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) rappresentanti danni sofferti mill-attur Ronald Magro f'incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Novembru, 2000 bejn il-konvenuti Roderick Agius u Emanuel Piscopo bil-vetturi LAE 624 u CAH 154 u l-

vettura propjeta' tal-attur Ronald Magro bil-vettura QON 111 liema l-istess incident sehh unikament minhabba traskuragni u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti.

Ra r-Risposta ta' Roderick Agius fejn jghid li m'ghandu l-ebda htija ghal dana l-incident u illi t-talba d-danni hi eccessiva u dan anke ghaliex l-excess huwa inkluz fis-somma principali.  Illi l-konvenut jghid li jrid jirriserva li jagixxi f'azzjoni separata.

Ra li Piscopo ma ppresenta ebda Risposta.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report fejn Ronald Magro qal li waqaf ta' quddiemu, l-karozza bbendjat u dahal go fih ta' warajh. Il-konvenut Agius li kien qed isuq il-vettura LAE 624 qal li ta' quddiemu darlu u habtu, gie l-ehor minn wara u baqa' diehel ghal go fih.  Il-konvenut l-iehor Piscopo li kien qed isuq il-vettura CAH 154 qal li habtu ta' quddiemu u daru u hu zamm brejk izda l-vettura baqghet sejra.

Ra d-dokumenti esebiti.
Ra x-xhieda ta' PS 160 Mario Mifsud fejn investiga l-istess incident u jikkonferma li dakinhar kienet ix-xita.

Ra x-xhieda ta' Carmel Magro, prodott mis-socjeta' attrici fejn jghid li darkinhar tal-incident kien qed isuq Toyota Corsa QON 111 fid-direzzjoni tar-Rabat. Jikkonferma li kienet niezla hafna xita, u kien hemm karozza UNO Fiat waqfet f'daqqa u din il-karozza baqghet sejra.  Jghid li dar fuq il-lemin izda sakemm ghamel din il-manuvra dahal wiehed go fih minn wara.  Fl-istess hin jghid li hass u semgha hoss ta' daqqa ohra, tat-tielet karozza.  Jaqbel mal-iskizz kif spiccaw il-karozzi.  Jghid li l-karozza tieghu giet thares fid-direzzjoni opposta minhabba l-fatt li dar f'daqqa u skiddja.  Fil-kontro-ezami jghid li l-vettura ta' wara nett taghat daqqa kbira lil ta' warajh tant li dahlet lil Agius fil-vettura tieghu.  Jikkonferma li hemmhekk one lane, jghid li hu ma skiddjax.

Ra x-xhieda ta’ Roderick Agius fejn jghid li kien ghaddej fil-flyover fid-direzzjoni lejn ir-Rabat. Jikkonferma li l-karozza ta’ quddiem ta’ Magro li kienet l-Uno waqfet minhabba xi ilma li tajret fid-direzzjoni taghha imbaghad baqghet sejra. Jghid li l-karozza ta’ Magro daret b’mod li giet across jew orizzontali fil-konfront tat-triq u Agius dahal fiha. Jikkonferma li ghafas il-brejk izda l-karozza skiddjat u baqghet sejra ghal go Magro. Ezatt wara l-habta jghid li ra karozza ohra gej minn warajh u dahlet go fih. Jghid ukoll li kellu hafna hsara tant li ma setghax johrog mill-vettura. Agius jghid li kien distanza ta’ zewg karozzi l-boghod mill-karozza ta’ Magro, ghalhekk ra l-Uno li kienet waqfet minhabba l-ilma. Jikkonferma li l-Uno kienet sejra b’certu speed u waqfet f’daqqa.

Ra x-xhieda ta’ Emanuel Piscopo fejn jghid li ra karozza, ta’ qabel ta quddiemu tiskidja u tahbat mar-railing. Jikkonferma li zamm il-brejk izda ghalkemm kien qed isuq taht l-40 kmh baqa’ diehel f’ta’ quddiemu.

Ra x-xhieda ta’ Stephen Conti, prodott mill-konvenut Piscopo fejn jghid li huwa l-claims manager tas-socjeta’ Atlas Insurance li hija l-assigurazzjoni ta’ Piscopo u jikkonferma li hallsu l-ammont ta’ Lm1,262.00c (elf, mitejn u tnejn u sittin lira Maltin) lil Citadel Insurance li hija l-assigurazzjoni ta’ Agius in konnessjoni mad-danni tal-karozza LAE 624. Jikkonferma li Atlas u Citadel kienu waslu fi ftehim li Atlas jikkontribwixxu Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) ghad-danni li soffrew Fogg u Magro. Jghid li dan l-ammont ta’ Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) hallsuhom lil Citadel.

Ikkunsidra li Fogg Insurance tassikura lil Magro, Atlas Insurance tassigura lil Piscopo u Citadel Insurance tassikura lil Agius. Atlas Insurance hallsu Lm1,262.00c (elf, mitejn u tnejn u sittin lira Maltin) in konnessjoni mad-danni fil-karozza ta’ Agius. Skond Steve Conti sar ftehim bejn Citadel u Atlas li huma jhallsu Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) kull wiehed ghad-danni li soffrew l-atturi. Atlas fil-fatt hallsu Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) lil Citadel. Illi din ix-xhieda ta’ Steve Conti mhix kontro-detta izda l-atturi qed jitolbu Lm1,483.33c (elf, erba’ mija u tlieta

u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) u mhux Lm1,000.00c (elf lira Maltin).

Illi huwa l-obbligu ta’ kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi. Il-partijiet kienu jafu li kien hemm hafna xita u ghalhekk kellhom id-dover li jsuq bi prudenza kbira.

Il-konvenuti ma ghandhomx jigu suffraggati mill-iskuzanti legali dettata mill-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li tiskuza lil min jikkaguna hsara li tigri b’accident jew b’forza magura;

Dan ghaliex, kif akkolt minn gurisprudenza, “Il-kaz fortuwitu, l-forza magguri u l-istat ta’ necessita’ ma jehilsux mir-responsabilita tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta’ min ikkaguna d-danni”. (Caterina Bezzina Vs George Grech et, Prim Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Gunju 1938, Elmo Insurance Services Limited Vs PC 537 Joseph Micallef et, Appell 5 ta’ Ottubru 2001);

Issir referenza ghal kawza Vella Vs Camilleri deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Jannar, 1998. F’din is-sentenza ntqal;

“Gie ritenut mill-Qrati taghna li f’materja ta’ skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilita nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli.”

Fl-istess kawza hemm referenza ghal kawza Pulizija Vs C. Cachia Vol. 37, pt. 4, p. 920 fejn gie ritenut:

“Ghaldaqstant biex id-difiza ta’ skid tirnexxi jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq.”

Bingham (Motor Claims Cases fifth edition page 173) jghid li "it will be always seen that it is only where the skid occurs unavoidably that the driver cannot be held responsible. If he is driving in a way which is asking for a skid, then he is liable".

Iz-zewg konvenuti kellhom id-dover li jsuqu bi prudenza u jzommu distanza wara l-karozza tal-attur izjed u izjed minhabba l-istat tat-triq. Ghalhekk ghandhom jigu tenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi. Illi anke l-assikurazzjoni rispettivi taghhom huma ta' l-istess opinjoni.

L-ammont ta' danni mhux kontestat.

Illi ghalhekk ir-Risposta tal-konvenut Agius hija michuda. It-Tribunal jiddikjara li l-konvenuti kienu responabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u jikkundanna l-istess konvenuti sabiex ihallsu lil atturi l-ammont ta' Lm1,483.33c (elf, erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) bl-interessi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' 15 ta' Gunju, 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------